# L-ARK TRIJONFALI U T-TRAĠEDJA TAL-1929

## ... fil-Festa ta' San Ġużepp fir-Rabat, Malta

LORETO J. DALLI


Armar fit-toroq fir-Rabat, Malta

L-Armar tat-toroq tal-festa għandu aktar minn mitt sena. Il-Pilandri (piramidi tal-ħadid ta' quddiem il-knisja) li fihom kien hemm, it-tazzi taż-żejt għad-dawl kienu saru fl-1845, jiġifieri sena oħra jagħlqu 175 sena.

L-armar ta' din il-festa hu wieħed antik kif diġà semmejna aktar meta ikkomparat ma' festi oħrajn. Eżempju ċar huwa, l-Ark Trijonfali. Ark **(ritratt)** li l-origini tiegħu tmur lura sa qabel l-1844.

Fl-1857 ġie rrangat u modifikat fuq disinn tal-imgħallem Mro Salvu Muscat. Fit-12 ta' Settembru, 1858 ħadu d-deċiżjoni li jagħmlu żewġ statwi t'anġli għal dan l-ark, li għadhom hemm sal-lum.

L-ark kien jiġi ddekorat bit-tazzi tal-ħġieġ ikkuluriti mimlijin biż-żejt. Ħaġa il kienet komuni ħafna qabel il-gwerra. L-Ark ukoll għandu aktar minn mitt sena kif rajna, u kien anke intrama għall-ingress tal-Isqof Mauro Caruana fl-Imdina. Okkażjoni storika speċjali oħra li hija marbuta ma' dan l-ark, kienet iż-żjara rjali tar-Reġina Elizabetta II fl-1954, fejn ħa postu għal din l-okkażjoni.

Ġie rranġat kemm il-darba u saret fih kull manutenzjoni meħtieġa, kif ukoll kellu jiġi adattat għaż-żmien tal-lum, peress li meta sar ma kienx hawn it-traffiku tal-lum.

Kienu żewġ inċidenti sfortunati li ġraw fis-seklu l-ieħor.

Fis-16 ta' Marzu tal-1929 waqt li l-ark kien armat ġie milqut minn raġel xurban bil-karozza tiegħu, li kellha n-numru 7708. L-ark instab li kellu bosta partijiet minnu li ġew imċaqilqin. Għal daqstant l-għada 17 ta' Marzu ħattewh u bnewh mill-ġdid.

Biss meta saru l-4.30 p.m., meta x-xogħol kien kważi lest, ċediet l-opramorta tal-bejt fejn kienet marbuta l-grabja magħha u tnejn min nies sfaw midrubin sew (illum jintuża apparat aktar modern u aktar sigur)

Dawn kienu Giovanni Busuttil u Vincenzo Galea. Busuttil miet jumejn wara proprju nhar San Ġużepp, fl-età ta' 39 sena fl-Isptar Santu Spirtu fir-Rabat. Huwa kien suldat fl-RMA fejn kien il-katubier tal-banda tal-RMA, kif ukoll tal-Banda L'Isle Adam.

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, dan l-ark reġa' ntlaqat għal darb' oħra. Dan seħħ fl-1947 u ġie rranġat u mwessa' kif kien hemm bżonn.

Dan l-ark hu ddisinjat fuq stil barokk. L-aħħar manutenzjoni fuq dan l-ark trijonfali saret fl-2006. Dan ix-xogħol kien sar volontarjament minn Charles Dimech u membri fi ħdan il-komunità Ġużeppina fir-Rabat

. Dan l-ark huwa uniku f'Malta għall-fatt li l-aċcess għalih trid tgħaddi minn taħtu u minn imkien ieħor.

Din l-opra t'arti hija l-izjed biċċa xogħol importanti, u ta' attrazzjoni fost l-armar kollu li naraw li jiġi armat fir-Rabat għal jiem tal-festa ta' San Ġużepp.